# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ħamis, 1 ta' Awwissu, 2019**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 925/19TA**

**Christopher Michael Camilleri (KI. 224191 M) u residenti, 189, 'Andrea', Flat 2, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar**

**vs**

**Cristine Jane Alanano Agos (K.I. 0127730A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Christopher Camilleri tal-15 ta' Lulju 2019;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2019;

Rat ir-risposta ta' Cristine Jane Alanano Agos tat-30 ta' Lulju 2019;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2019;

Semgħet ix-xhieda tal-intimata fl-istess seduta;

Semgħet lill-abbli difensuri jittrattaw ir-rikors fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2019;

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser titratta l-ewwel risposta tal-intimata fis-sens li l-mandat ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi peress li huwa nieqes mill-partikolaritajiet li għandhom x'jaqsmu mal-persuna dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' propjeta' immobbli ai fini ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku. F'dan ir-rigward l-intimata in sostenn tar-risposta tagħha għamlet referenza għad-digriet fl-ismijiet **HSBC Bank Malta Plc -vs- Peter Paul Abela et tal-Prim Awla Qorti Civili tal-1 ta' Awwissu 2011.**

Il-Qorti fliet dik is-Sentenza u ma taqbilx mal-interpretazzjoni li tat dik il-Qorti rigward l-applikazzjoni tal-artiklu 874(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Civili fid-digriet fl-ismijiet Helen Borg et -vs- Anthony Pace tal-4 ta' Novembru 2013 per Imħallef Joe Zammit Mckeon fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1578/2013/1**. F'sitwazzjoni simili għal dik li għandha quddiemha din il-Qorti dik il-Qorti spjegat, li sa fejn hu possibbli l-atti għandhom ikunu salvati u dan għar-raġunjiet spjegati f'dak id-digriet. (ara ukoll **digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-atti tal-**

**mandat ta' inibizzjoni numru 850/2015 tal-11 ta' Ġunju 2015 fl-ismijiet STC Training Limited -vs- Patrick Pullicino**).

Di piu', ir-Rikors promotur, anke ai fini ta' reġistrazzjoni skont il-liġi u fl-interess ta' terzi, għandu miegħu annessi d-dettalji kollha tal-intimata mad-dokument tal-insinwa (a' fol 8). Dan id-dokument jipprovdi dawk id-dettalji kollha li trid il-liġi b'mod li l-intimata hija ampjament identifikabbli. Għalhekk l-ewwel risposta qed tkun miċħuda.

Kif jirrisulta kemm mill-formula użata u anke mill-verbal tad-29 ta' Lulju tal-2019, il-mandat odjern qiegħed jintalab fost oħrajn abbażi tal-artiklu 874 tal-Kap tal-liġijiet ta' Malta. Fl-ewwel subartiklu ta' dan l-artiklu l-liġi tgħid li "Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab **ukoll**…." (emfażi tal-Qorti). Dan ma jfisssirx li għalhekk il-Qorti ma hiex prekluża li tiddeklina li tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Lill-Qorti dejjem irid jirrisultalha li min ikun qiegħed jitlob li jinħareg mandat ta' din ix-xorta jrid jipprova li għandu *prima facie* drittijiet x'jikkawtela.

Iżda ġaladarba dan il-mandat qiegħed jintalab abbażi tal-artiklu 874 tal-Kap 12, dawn il-Qrati jgħallmu li għalkemm l-element tal-*prima facie* huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma preċiżament l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat

bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub (ara **Deċiżjoni fl-ismijiet Kleanen Maniscalco et -vs- A.X.T Properties Ltd tal-4 ta' Awwissu 2015 per Imħallef Joseph R. Micallef u Provvediment fl-Atti tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 340/2018 AF tat-3 ta' April 2019 fl-ismijiet LIDL Immobiliare Malta Limited -vs- Qamar u Xemx Ltd per Imħallef Anna Felice).** Fil-każ odjern jirrisulta b'mod ċar li l-pretensjoni tar-rikorrent tiżboq l-ammont minimu rikjest mil-liġi ai fini ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artiklu 874(2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Di piu', sa fejn jirrigwarda dan il-mandat, il-Qrati tagħna jiddispensaw anke mill-element ta' preġudizzju irrimedjabbli. (Ara digriet fl-atti tal-**mandat numru 1578/2013 tal-4 ta Novembru 2013 per Imħallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Helen Borg pro et -vs- Anthony Pace pro et Prim Awla Qorti Ċivili)**.

Il-Qorti rat, li apparti li r-Rikorrent irid li jinżammu l-immobbli imsemmija fir-rikors promotur, qiegħed ukoll jitlob iż-żamma ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ICA-503. Fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tħoss li biż-żamma tal-immobbli r-Rikorrent ser ikun adegwatament ikkawtelat. Dan ifisser li sa fejn jirrigwarda din il-vettura t-talba ser tkun miċħuda.

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li qed tikkonferma d-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2019 bil-limitazzjonijiet hawn imsemmija, qegħdha tipprovdi definittivament billi tilqa' it-talbiet tar-Rikorrent fir-rikors tiegħu tal-15 ta' Lulju 2019 limitatament għall-immobbli deskritti fil-paragrafi enumerati wieħed (1) u tnejn (2) fir-rikors imsemmi filwaqt li ticħadhom inkwantu jirrigwarda l-vettura ICA-503.

Il-Qorti qegħdha tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, lir-Reġistratur tal-Artijiet kif ukoll lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex jagħmlu dak li jispetta lilhom skont il-ligi.

Spejjeż ta' dan il-mandat riservati mal-ġudizzju finali.

**Mogħti kameralment illum 1 ta' Awwissu, 2019.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**